Serata Accademica
23/5/65

1732 1960

# Manoel Theatre

CREMONA

100

# TEATRU MANOEL

## SERATA AKKADEMIKA

F'GHELUQ L-GHAXAR ANNIVERSARJU

MIT-TWAQQIF TAL-MOVIMENT AZZJONI SOCJALI

U

B'KOMMEMORAZZJONI TA' L-ENCIKLICI SOCJALI

**GĦOTI TA' MIDALJI U DIPLOMI LILL-ĦADDIEMA**

MINN IDEJN

**L-E.T. REV.MA MONS. M. GONZI, ARCISQOF METROPOLITA**

**NHAR IL-ĦADD, 23 TA' MEJJU, 1965,**

**FIS-6.30 p.m.**

# PROGRAMM

*Abide with Me* — Choir — Traditional

Diskors ta' Introduzzjoni mis-Sur Carmelo Grima, Segretarju Ġenerali tal-Workers' and Family Union.

*Jesu! Joy of Man's Destiny* — Choir — J.S. BACH

"Il-Messaġġ ta' l-Enċiklići Soċjali" minn Dr. Salvino Busuttil, Ph.L. (Greg.), Ph.D. (Angelicum), Ph.D. (Manch.), Dip.Sc.Soc., F.Ph. S.

*Haidemoslein* — Choir — F. SCHUBERT

*The Trout* — Choir — F. SCHUBERT

Messaġġ tas-Sidien mis-Sur Joseph Cassar.

Messaġġ tal-Ħaddiema mis-Sur Toni Balzan.

Messaġġ f'isem l-Impjegati Nisa mis-Sinjorina Josephine Muscat, Segretarja Ġenerali tal-Union Impejgati Nisa.

*Balulalow* — Choir — B. BRITTEN

*There Is No Rose* — Choir — B. BRITTEN

Għoti ta' Midalji tal-Fidda u Diplomi lill-Ħaddiema.

*Innu tal-Ħaddiema* — A. BORG

Il-Kor tal-Kulleġġ Stella Maris, Gżira, jkun taħt it-tmexxija ta' Br. Edmund, S.S.C.

Fuq il-pjanu u l-arpa s-Sinjura E. Cilia, L.R.S.M., A.Mus., L.C.M.

## L-GĦOTI TAL-MIDALJI U DIPLOMI GĦALL-VALUR TA' XOGĦOL

L-iskop ta' l-Għoti ta' midalji u diplomi għall-valur ta' xogħol huwa dak li jingħata rikonoxximent għal-lealtà u l-effiċjenza tal-ħaddiema u biex jiġu nkoraġġiti dejjem iżjed ir-relazzjonijiet tajba bejn il-ħaddiema u min iħaddimhom.

Iċ-ċerimonja bdiet issir fl-1960 fuq inizjativa taċ-Ċentru Attività Kulturali u Rikreativa għall-Ħaddiema.

Fl-1960 ġew premjati 41 ħaddiem, fl-1961 67 ħaddiem, fl-1962 25 ħaddiem.

Fl-1965 ser jiġu premjati 87 ħaddiem.

## ID-DATI TA' L-ENĊIKLIĊI SOĊJALI

*Rerum Novarum* ta' Ljun XIII: 15 ta' Mejju 1891.
*Quadragesimo Anno* ta' Piju XI: 15 ta' Mejju 1931.
*Mater et Magistra* ta' Giovanni XXIII: 15 ta' Mejju 1961.

## TLIET PAPIET U L-M.A.S.

Il-Kardinal Montini, il-lum Pawlu VI, ta lid-delegazzjoni tal-Moviment preżenti għall-1 ta' Mejju 1956 — l-Ewwel MayDay Kristjan — f'Milan ritratt b'dedika awtografika bil-benedizzjoni tiegħu.

Il-Q.T. Papa Piju XII bagħat fl-1957 kontribuzzjoni ġeneruża għall-Moviment biex ikun jista' javanza fil-ħidma tiegħu.

Il-Legat ta' Papa Giovanni XXIII, fl-okkażjoni taċ-Ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju Pawlin waqt l-Omelija tiegħu fil-Konkattidral ta' S. Ġwann fl-24 ta' Lulju 1960, faħħar il-ħidma tal-Moviment.



# IL-MOVIMENT AZZJONI SOĊJALI

Il-Moviment Azzjoni Soċjali twaqqaf uffiċjalment fl-1955 bl-iskop li jgħin fis-soluzzjoni tal-problema soċjali u fl-elevazzjoni kulturali, soċjali, ekonomika u morali tal-poplu u b'mod speċjali tal-klassijiet tal-ħaddiema.

Il-Moviment iħares b'ħarsa universali u lest biex jagħti l-għajnuna tiegħu kull fejn jista' jkun ta' siwi.

Il-prinċipji li fuqhom jimxi l-Moviment huma dawk imniżżlin fl-Enċiklići soċjali tal-Papiet.

Miż-żmien tat-twaqqif tiegħu l-M.A.S.:

1. Ispira l-formazzjoni ta' żewġ trade unions ta' natura ġenerali: il-Workers' and Family Union (1956) u l-Union Impjegati Nisa (1956) li flimkien iħaddnu mal-5000 membru u huma t-tieni forza sindikali fil-qasam industrijali.

2. Waqqaf Kumitat għall-Iżvilupp tal-Biedja u Sajd (1961) li bix-xogħol tiegħu ġew iffurmati żewġ kooperativi: il-Kooperativa tal-Poultry Breeders (1964) u l-Kooperativa tas-Sajjieda (1964).

3. Ta bidu għal Kummissjoni tad-Djar (1956) li ħadmet fuq l-allokazzjoni tad-djar lil gruppi familjari u lill-għarajjes u bdiet (1965) proġett ta' bini ta' djar fuq is-sistema tal-kooperazzjoni.

4. Waqqaf Ċentru ta' Attività Kulturali u Rikreativa għall-Ħaddiema (1956) li, fost ħwejjeġ oħra, organizza summer camps għal ulied il-ħaddiema barra minn Malta, korsijiet ta' natura teknika, vakanzi ekonomiċi għall-ħaddiema, ġranet ta' interess kulturali u rikreativ, socials, kompetizzjonijiet.

5. Ta bidu għal Kooperativa tal-Konsum (1956) bl-iskop li jraħħas il-ħajja.

6. Beda Benefit Scheme (1963) għall-għajnuna tal-ħaddiema waqt mard b'tobba b'xejn għalihom u għall-familji tagħhom.

7. Ifforma Ċentru ta' Studji Soċjali (1956) li jorganizza korsijiet ta' studji soċjali, seminars u jagħti premjijiet għal studji soċjali fl-aktar istituzzjonijiet importanti tal-gżira. Jipprova jakkwista scholarships għall-istudji soċjali. Jippubblika rivista STUDIA.

8. Beda Sezzjoni Informazzjoni (1956) għall-attività tal-istampa, xandir u informazzjoni ġenerali (inklużi diversi pamphlets u leaflets ta' tagħlim). Bil-għajnuna tas-Sezzjoni u fuq inizjativa ta' membri tal-M.A.S. beda jiġi pubblikat IL-QAWMIEN, il-ġurnal indipendenti ta' nhar ta' Ħadd (1960).

9. Ħa sehem f'ħidma soċjali favur pajjiżi inqas żviluppati u bagħat nies tiegħu jaħdmu fihom.

10. Affilja mal-Caritas Internationalis u mal-U.C.I.S.S. Ipparteċipa f'diversi Kungressi Internazzjonali u Reġjonali. Bagħat barra minn Malta tlettax-il delegazzjoni.
Il-W.F.U. hija affiljata mal-I.U.F.O.

# MANOEL THEATRE MANAGEMENT COMMITTEE

Colonel G. C. GATT — *Chairman.*

Dr. VICTOR A. MERCIECA, LL.D. — *Hon. Treasurer.*

Mr. A. AGIUS FERRANTE, L.P. — *Hon. Secretary.*

Mrs. INES BONELLO CASHA — *Member.*

Notary Dr. V.M. PELLEGRINI, LL.D. — *Member.*

Mr. MICHAEL KISSAUN — ***Manager.***

---

**IF** you are a THEATRE LOVER;

**IF** you wish to help in preserving this National Monument;

**IF** you wish to encourage local talent in the pursuit of all theatrical arts.

**join**

## THE MANOEL THEATRE CLUB

---

## FORTHCOMING EVENTS

SAVE THE CHILDREN FUND — A one-act play and Ballet — 26th May 1965.
MALTA SONG FESTIVAL BOARD — "National Pianists' Contest" — 27th May 1965.
FLORIANA SCHOOL OLD BOYS ASSOCIATION — "National Children's Drama Festival" — 30th May 1965.
MALTA CHORAL SOCIETY — "Summer Song" — 2nd June 1965.
WALTER BLANKENHEIM — Piano Recitals — 8th and 10th June, 1965.

---

**Late comers will not be admitted to the Auditorium.**

*Smoking is not permitted in the Auditorium, in Boxes, or in the Gallery.*

**The Management reserve the right to vary or omit any part of the programme without previous notice.**

*Patrons are reminded that the taking of photographs during the performance is not allowed.*

Children even when accompanied by their parents, will be required to occupy individual seats.